MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2005

Numru. 87/2003

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH CORDINA
VS
JOHN CHRISTOPHER MARTIN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat John Christopher Martin, ta' 42 sena, bin Vincent u Mary nee' Woods, imwieled Pieta' fil-31 t'Awissu 1960, residenti 134, Triq is-Sur, Senglea, u detentur tal-karta tal-identita' numru 609360(M), u akkuzat talli fil-5 ta' Gunju 2001, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' tmien mija u tlett Liri u tnejn u erbghin

centezmu Maltin (Lm803.42) bi hsara ta’ Norbert Camilleri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 14), u tal-imputat (a fol 9) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni jirrizulta illi l-kwerelant Norbert Camilleri tal-Kumpanija Media Link, ghamel kwerela, dokument JC2, a fol 15, kontra l-imputat rigwardanti cekk ta’ tmien mija u tlett Liri u tnejn u erbghin centezmu Maltin (Lm803.42), mahrug minn Martin Computers Limited, liema cekk ma giex onorat mill-banek tal-imputat.

Spettur Cordina xehed, (ara fol 10 sa 13), illi inizjalment il-kwerela kienet tkopri tlett cekkijiet li ma kinux gew onorati mill-banek tal-imputat izda dwar tnejn minnhom minhabba li l-partijiet kienu ffirmaw ‘bills of exchange’ kienet giet intavolata kawza quddiem il-Qrati Superjuri. Spettur Cordina xehed illi ghar-rigward ic-cekk mertu ta’ din il-kawza, il-kwerelant infurmah illi l-imputat kien gie u xtara ‘computer equipment’ bih u li d-‘delivery’ ta’ dawn l-oggetti sar precizament minhabba l-fatt illi l-imputat hallas sabiex jiehu d-‘delivery’ pero’ dan ic-cekk ma ssarraf qatt.

Illi fl-istqarrija tieghu, dokument JC3, a fol 17 u 18, l-imputat jghid illi huwa kellu kumpanija bl-isem Martin Computers Ltd, liema kumpanija waqqfet l-operazzjonijiet taghha f’April 2002. In-negozju tal-kumpanija kienet tikkoncerna bejgh u tiswija ta’ komputers u l-imputat kien id-direttur ta’ din il-kumpanija. L-imputat ikkonferma li huwa kien jinnegozja regolarment ma’ Media Link Computer Centre. Mitlub jaghti spjegazzjoni ghal raguni l-ghaliex it-tlett cekkijiet imsemmijin fl-istqarrija ma gewx

onorati mill-banek tal-imputat, l-imputat stqarr illi l-partijiet kienu waslu ghal ftehim, u filfatt kienu ffirmaw kambjali.

Norbert Camilleri, a fol 19 et seq, Direttur tal-Media Link Company Limited, ikkonferma l-kwerela, u xehed illi l-imputat kien tah cekk in segwitu ta' bejgh ta' 'computer equipment', liema cekk ma giex onorat. Il-kwerelant kompla jghid li kien hemm zewg tipi ta' pattijiet tan-negozju, u cioe' l-ewwel billi jsir il-bejgh tal-'computer equipment' u l-hlas isir f'data sussegwenti (u cioe' 'payment on account'), u t-tieni kien illi l-bejgh tal-'computer equipment' isir 'on a cash basis' (ara fol 20).

Ghar-rigward tal-bejgh in ezami, cioe' l-kwerelant jghid dawn il-precizi kelmiet:

'dan gie pprezentat (ic-cekk) ghandna wara li ttiehdet konsenja ghall-kumpanija ta' Martin Computers stess, ovvjament inghatajna c-cekk bhala pagament, ovvjament sarrafnieh normali.'

Ix-xiri tal-oggetti sar fl-istess gurnata illi fih inghata c-cekk dokument JC2.

Illi l-kwerelant xehed illi kien jaf illi l-imputat kien qieghed fi stat finanzjarju prekarju, u filfatt ammetta illi gieli anke accetta cekkijiet fuq l-idejn. Ghar-rigward tac-cekk in kwistjoni, pero', xehed illi dan gie mghoddi lilu fil-gurnata illi fih sar il-bejgh u l-konsenja tal-'equipment' tal-kompjuters, u dan ghaliex minn xi ftit xhur qabel il-5 ta' Gunju 2001 (id-data li fih hareg ic-cekk in kwistjoni), il-kumpanija tal-kwerelant kienet qed taccetta li taghmel negozju mal-imputat **biss** kemm-il darba jkun hemm 'payment on delivery'. Infatti l-kwerelant isostni, a fol 24, is-segwenti:

'issa ovvjament ahna ma kienx l-iskop taghna li naccettaw 'post dated' (cekkijiet), sahansitra kien hemm drabi li tlajna bil-consignment ghandu stess u ma kellux il-cash lest jew ic-cekk lest, u ma accettajniex.
Qorti: U hadtu x-xoghol lura?
Xhud: U hadna x-xoghol lura.'

Il-kwerelant ikkonferma illi sal-15 ta’ Mejju 2003, l-imputat kien ghadu ma hallasx.

Paul Gambina, a fol 29, ghall-Bank of Valletta PLC, ikkonferma illi Martin Computers Limited kellhom kont bankarju mal-Bank of Valletta, u esebixxa l-‘statements’ tal-istess kumpanija mit-30 ta’ Mejju 2001 sas-27 ta’ Gunju 2001, fejn jirrizulta li kien hemm ‘withdrawl’ ta’ erba’ Liri Maltin (Lm4), ‘deposit’ ta’ tnax-il Lira Maltin (Lm12), tlett ‘withdrawls’ ta’ zewg Liri Maltin (Lm2), u l-bilanc kien dejn ta’ sitt Liri Maltin (Lm6).

PS 130 Ivan Cilia, a fol 33, ikkonferma l-prezenza tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija tal-imputat.

A fol 36, il-kwerelant xehed u esebixxa c-cekkijiet originali, id-‘delivery note’ u l-‘statement of account’. Dawn gew esebiti bhala dokument NC1, 2 u 3.

Dr Charmaine Cherrett, a fol 41, xehdet illi l-kwerelant u l-imputat lahqu ftehim sabiex l-imputat ikun jista’ jibda’ jhallas b’rati mensili ta’ erbghin Lira Maltin (Lm40), ghas-somma komplessiva ta’ elfejn Lira Maltin (Lm2000), rapprezentanti l-ammont ta’ tmien mija u tlett Liri u tnejn u erbghin centezmu Maltin (Lm803.42), mertu ta’ din il-kawza, u ammonti ohrajn mertu ta’ kawzi civili li hemm pendenti bejn il-partijiet. Kopja ta’ dan il-ftehim gie esebit bhala dokument CC u jinstab a fol 50.

Illi fit-23 ta’ Jannar 2004, ara fol 57, Norbert Camilleri l-kwerelant, irrinunzja ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat.

L-imputat, a fol 63 et seq, xehed illi huwa kien jinnegozja mal-kwerelant Norbert Camilleri u kien tah tlett ‘post dated cheques’, sab ricevuti li jkopru tnejn mic-cekkijiet u dawn gew murija lill-Ufficjal Investigattiv, u filfatt gew inizjati proceduri kriminali ghar-rigward ta’ wiehed biss. L-imputat allega li Norbert Camilleri, minkejja l-fatt li gie mhallas ghar-rigward iz-zewg ‘post dated cheques’ (li mhumiex mertu ta’ din il-kawza), baqa’ jzomm f’idejh

dawn iz-zewg cekkijiet, sabiex ikollu arma f'idejh. L-imputat xehed illi hu u l-kwerelant dahlu f'kuntratt fejn ftehmu kif se jithallsu dawn l-elfejn Lira Maltin (Lm2000) pendenti bejniethom. L-imputat xehed illi huwa dejjem hallas permezz ta' 'post dated cheques', qal li huwa kien qed jghaddi minn zmien finanzjarjament kritiku hafna, illi kien jigi ghandu l-kwerelant, jitolbu pagament quddiem il-klijenti tieghu, u allura kien ikun kostrett illi jiffirmalu 'post dated cheques'.

L-imputat xehed illi n-negozju kien isir dejjem bl-istess manjiera, cioe' li hu jaghmel l-ordnijiet, illi l-kwerelant jaghmillu d-'delivery', imbaghad l-imputat jibaghtlu l-pagamenti kull xahar. Illi kien hemm zmien meta hu kien sejjer hazin u l-kwerelant qallu 'John, ghamilli tlett 'post dated cheques' biex jien naghtihom lill-Bank of Valletta biex ikolli x'nuri li ghandi x'indahhal.'(ara fol 65).

L-imputat, in kontro ezami, jammetti illi fil-bidu tan-negozju bejnu u l-kumpanija tal-kwerelanti, in-negozju kien isir 'on a cash basis' biss 'sakemm drani mbaghad dejjem kien isir 'payment on account'' (ara fol 68), u din is-sistema kienet damet issehh ghal xi tlett snin.

Ikkunsidrat:-

Illi l-imputat jinstab akkuzat bir-reat ta' truffa, cioe' r-reat kontemplat taht l-Artiklu 308 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan jipprovdi:

*'Kull min b'mezzi kontra l-ligi jew billi jaghmel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi jinqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor, jehel meta jinstab hati ta' piena ta' prigunerija minn seba' xhur sa sentejn.'*

Fil-ligi taghna, l-element essenzjali ghall-kostituzzjoni ta' reat ta' truffa, hija l-'mise en scene' cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu u li effettivament ikunu

nducew lill-vittma fi zball - l-ingann - li konsegwenza ta' dak l-izball, il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga illi ggibilha telf patrimonjali bil-korrespondenti qliegh ghall-agent.

*'Il-ligi taghna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri jkunu xi haga kumplikata jew arkitetta b'hafna pjanijiet; infatti, il-ligi stess tindika l-forom li dawn l-artifizji jew raggieri jistghu jixhdu.* ***Meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf, jew messu ragjonevolment kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna. (ara Pulizija vs Emanuel Ellul, Appell Kriminali deciza fl-20 ta' Gunju 1997)****.'*

Illi dan l-istess ragunament gie segwit fil-kawza fid-decizjoni **Appell Kriminali Pulizija vs Jonathan Debattista, deciza fl-20 ta' Novembru 1998**, fejn ukoll gie meqjus li meta wiehed johrog cekk meta jkun jaf jew messu ragjonevolment kien jaf li ma kienx hemm fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dan ic-cekk jista' jigi onorat, ikun qed jinganna b'wahda mill-forom ikkontemplati fil-ligi taghna.

Il-Qorti tal-Appell kompliet tispjega:

*'Mhux kull cekk li ma jigix onorat mill-bank necessarjament jammonta ghal reat ta' truffa (Artiklu 308 tal-Kap 9), jew ghar-reat minuri izda kompriz u nvolut f'dak ta' truffa ta' lukru frawdolenti nnominat (Artiklu 309); u dan huwa hekk anke jekk kemm-il darba jirrizulta li meta jinhareg ic-cekk u meta kellu jigi msarraf, min hargu kien jaf li ma kienx hemm flus fil-kont relattiv. Kif tajjeb osservat il-Qorti Kriminali kollegjalment komposta fis-sentenza tad-29 ta' Novembru 1992, fl-ismijiet* ***Sua Maesta r-Re vs Antonio Demicoli Et,*** *mhux kull forma ta' lokupletazzjoni o sia' arrikjament maghmul ghad-dannu ta' haddiehor, tammonta ghal frodi fis-sens ta' ligi penali.* ***Fil-ligi taghna, biex ikun hemm it-truffa jew frodi nnominat, irid ikun gie pperpetrat mill-agent xi forma ta' ngann jew qerq, liema ngann jew qerq ikun wassal***

***lill-vittma sabiex taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggib telf patrimonjali bil-konsegwenti qliegh ghall-agent. (Il-Pulizija vs Emanuel Ellul, Appell 20/6/97**, ara wkoll **Pulizija vs Daniel Frendo App Krim 25/3/94)**. Dan it-telf hafna drabi jkun jikkonsisti f'illi l-vittma propju ghax tkun giet ingannata, volontarjament, taghti xi haga lill-agent (Il-Pulizija vs Carmel Cassar Parnis, Appell Krim 12/12/59, Vol XL111.1V.1140). Jekk l-ingann jew il-qerq ikun jikkonsisti f'raggieri jew artifizji, dak li fid-duttrina jissejjah ukoll mise en scene, ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi nnominata (jew lukru frawdolenti nnominat)…**naturalment il-hrug tac-cekk fuq kont bla flus, jista' jkun propju l-mezz tal-ingann addoverat biex jinduci lil dak li jkun sabiex jaghmel jew jonqos milli jaghmel xi haga li ggiblu telf patrimonjali, bil-konsegwenti gwadann ghall-agent (Il-Pulizija vs Francis sive' Franco Farrugia, Appell Krim 7/2/85, Vol LXIX.V.596).'***
***(ara Police vs Anthony Francis Willoughby, Appell Krim deciza 12/2/99).***

Illi fil-kaz in ezamina, huwa evidenti li l-kwerelant isostni illi c-cekk disonorat kien l-'inducement' sabiex huwa jaghmel dan il-bejgh u konsenja tal-'computer equipment'.

L-imputat, minn naha l-ohra, jikkontendi li n-negozju mal-kumpanija tal-kwerelant, kien negozju fejn il-konsenja kienet issir wara l-ordni minghand l-imputat u l-hlas kien ikun dejjem 'on account'. Illi in oltre, li l-kwerelant kien jaf sa mill-bidu li dawn it-tlett 'post dated cheques' inhargu meta **ma kienx hemm flus** fl-akkont, u li dawn inhargu biss sabiex il-kwerelant ikun jista' jehodhom il-bank tieghu, **mhux biex jissarrfu**, izda sabiex hu jkun jista' jipprova lill-bank tieghu illi kien se jircievi xi hlasijiet.

Sabiex tevalwa l-kredibilita' tal-verzjonijiet moghtija mill-partijiet, din il-Qorti ezaminat dokumenti NC1, NC2 u b'mod specjali NC3. Dan l-ahhar dokument juri illi bejn il-partijiet kienu saru hames 'cash sales' u tlett 'sales by invoicing'. Dan jikkonforta pjenament it-tezi tal-kwerelant, fejn jghid illi kien hemm zewg tipi ta' negozji illi kienu jadoperaw il-partijiet.

Illi ghaldaqstant, certament mhux minnu dak illi jsostni l-imputat meta jghid illi l-uniku tip ta’ negozju kien ‘sale’ bil-pagament ‘on account’.

Illi ghaldaqstant, peress illi c-cekk meritu tal-akkuza jidher illi kien ‘the principal inducement’ sabiex isir in-negozju, u peress illi jidher bic-car minn dokument BOVZ, li flus fl-akkont tal-imputat ma kienx hemm meta inhareg ic-cekk f’Gunju tal-2001, allura jidher car illi jissussistu l-elementi kollha tar-reat ta’ truffa. Ovvjament, l-arrikjament tal-imputat u l-konsegwenti telf patrimonjali tal-kwerelant, huma stabbiliti fin-nuqqas ta’ hlas tas-somma Lm803.42

Jibqa’ biex tigi ezaminata l-materja sollevata mid-Difiza, u cioe’ jekk il-ftehim bejn il-partijiet u r-rinunzja tal-azzjoni kriminali da parti tal-kwerelant, jezawrixxux il-procediment quddiem din il-Qorti.

Huwa veru illi l-kwerelant, fil-mori tal-kawza, irtira l-azzjoni kriminali (ara xhieda tieghu a fol 57), u esebixxa kuntratt ta’ ftehim bejnu u bejn l-imputat (ara dokument CC).

X’inhu l-import ta’ din ir-rinunzja?

L-Artiklu 545 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid is-segwenti:

*‘Meta l-azzjoni ma tistax titmexxa hlief bit-talba tal-parti privata, il-kwerelant jista’ kull zmien sa ma’ tinghata s-sentenza finali, jirrinunzja ghall-kwerela li huwa jkun ga ghamel.’*

Illi ghalkemm il-kawza kontra l-imputat giet inizjata minn kwerela ta’ Norbert Camilleri, ir-reat ta’ truffa kuntrarjament ghal reat ta’ approprijazzjoni in debita taht l-Artiklu 293 tal-Kap 9, mhuwiex wiehed minn dawk ir-reati illi ma jistax jitmexxa hlief bit-talba tal-parti privata. Illi in oltre, l-imputat jinstab akkuzat ukoll taht l-Artiklu 310, fejn b’referenza ghall-proviso tal-Artiklu 310(1)(b), u b’referenza ghall-Artiklu 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-azzjoni kriminali allura, minkejja li giet inizjata bi kwerela,

tkompli titmexxa in effett ex-ufficio. Ghalhekk, ir-rinunzja tal-parti civili ma twassalx ghal ezawriment tal-procediment izda tista' tigi mehuda in konsiderazzjoni fl-ghotja ta' piena.

Illi ghaldaqstant, il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, mehuda c-cirkostanzi kollha tal-kaz, u mehuda in konsiderazzjoni l-fedina penali tal-imputat, u l-fatt illi l-partijiet ittransigew civilment, il-Qorti tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------